


# Linji gwida

---

EBA/GL/2020/01



---

22/01/2020

---

Linji gwida li jemendaw il-Linji Gwida  
EBA/GL/2018/05

---

## dwar ir-rapportar ta' frodi skont id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSD2)

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa (jj.xx.ssss). Finn-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifikasi għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbi fuq is-sit web tal-EBA lil [compliance@eba.europa.eu](mailto:compliance@eba.europa.eu) bir-referenza 'EBA/GL/2020/01'. In-notifikasi għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapporat ukoll lill-EBA.
4. In-notifikasi ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Destinatarji

---

5. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lil:

- fornitori tas-servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4(11) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (PSD2) u kif imsemmi fid-definizzjoni ta' "istituzzjonijiet finanzjarji" fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010, minbarra fornitori ta' servizzi ta' informazzjoni ta' kont, u lil
- awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (vi) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## 3. Implementazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

6. Dawn il-linji gwida japplikaw għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet ta' pagamenti mibdija u mwettqa mill-01.07.2020.

## 4. Emendi

---

7. Il-linji gwida EBA/GL/2018/05 dwar ir-rappurtar ta' frodi taħt il-PSD2 huma emendati kif ġej:

- (1) L-aħħar sentenza fil-paragrafu 14 tat-Taqsima 2 (*Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet*) tal-linji gwida hija emendata kif ġej:

“Id-data relatata ma' dawn l-eżenzjonijiet hija mniżza fl-Anness 2 fit-Tqassim tad-Data A (1.3.1.2.4 sa 1.3.1.2.9 u 1.3.2.2.4 sa 1.3.2.2.8), C (3.2.1.3.4 sa 3.2.1.3.**810** u 3.2.2.3.4 sa 3.2.2.3.**78**), D (4.2.1.3.4 sa 4.2.1.3.**68** u 4.2.2.3.4 sa 4.2.2.3.**67**) u F (6.1.2.4 sa 6.1.2.**911** u 6.2.2.4 sa 6.2.2.**78**”).

- (2) It-Taqsima 3.1 (*Linji gwida dwar ir-rappurtar ta' frodi applikabbi għall-Fornituri ta' Servizzi ta' Pagament*) tal-linji gwida hija emendata kif ġej:

- (a) Il-paragrafu (d) tal-Linji Gwida 7.3 huwa emendat kif ġej:

“d. raġuni għaliex ma ġietx applikata awtentikazzjoni b'saħħitha tal-klijent (li tirreferi għall-eżenzjonijiet għal awtentikazzjoni b'saħħitha tal-klijent imniżza fil-kapitolu 3 tal-istandardi tekniċi Regolatorji dwar awtentikazzjoni b'saħħitha tal-klijent u komunikazzjoni komuni u sigura, Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2018/389), jew għal waħda mill-kategoriji “Tranżazzjonijiet mibdija min-Negozjanti” u “Oħrajn”, fejn applikabbi), u”

- (b) Il-paragrafu (d) tal-Linji Gwida 7.8 huwa emendat kif ġej:

“d. raġuni għaliex ma tiġix applikata l-awtentikazzjoni b'saħħitha tal-klijent (b'referenza għal eżenzjonijiet għal awtentikazzjoni b'saħħitha tal-klijent dettaljata fil-kapitolu 3 tal-RTS dwar SCA u CSC, jew għal waħda mill-kategoriji ta' “tranżazzjonijiet mibdija min-Negozjanti” u “Oħrajn”, fejn applikabbi),

- (c) Il-Linja Gwida 7.15 hija emendata kif ġej:

“7.15 Il-fornitur tas-servizzi ta' pagament (emittent) għandu jipprovdi *data* skont it-Tqassim tad-Data E fl-Anness 2 għall-ġbid kollu ta' flus kontanti u ġbid ta' flus frudamenti-permezz-ta' apps, f'ATMs (inkluż permezz ta' apps), fil-banek u permezz ta' bejjiegħha bl-imnun (“flus lura”) bl-użu ta' kards”.

- (3) It-Tqassim tad-Data C fl-Anness 2 tal-linji gwida huwa emendat kif ġej:

- (a) It-titlu għat-Tqassim tad-Data C huwa emendat kif ġej:

“C- It-tqassim ta' *data* għal tranżazzjonijiet ta' pagamenti bbażati fuq kards li għandhom jiġu rrappurtati mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament tal-emittenti emittenti”

(b) Żewġ oqsma ta' *data addizzjonali* 3.2.1.3.9 u 3.2.1.3.10 huma miżjud mat-Tqassim tad-*Data C* kif ġej:

<b>3.2.1.3.9</b>	Tranżazzjonijiet mibdija min-negozjanti (*)	X	X
<b>3.2.1.3.10</b>	Oħrajn	X	X

(\*) jiegħifieri, tranżazzjonijiet ta' pagamenti permezz ta' kard li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati mill-Kummissjoni Ewropea fi Q&A 2018\_4131 u Q&A 2018\_4031 u li, b'rезультат ta' dan, jitqiesu bħala mibdija mill-benefiċjarji u mhux soġġetti għar-rekwiżit fl-Artikolu 97 PSD2 biex jaapplikaw l-SCA

(c) Qasam ta' *data addizzjonali* 3.2.2.3.8 huwa miżjud mat-Tqassim tad-*Data C* kif ġej:

<b>3.2.2.3.8</b>	Oħrajn	X	X
------------------	--------	---	---

(d) L-aħħar ringiela tar-regoli ta' validazzjoni skont it-Tqassim tad-*Data C* hija emendata kif ġej:

$$\begin{aligned} 3.2.1.3.4 + 3.2.1.3.5 + 3.2.1.3.6 + 3.2.1.3.7 + 3.2.1.3.8 + \textbf{3.2.1.3.9} + \textbf{3.2.1.3.10} &= 3.2.1.3; \\ 3.2.2.3.4 + 3.2.2.3.5 + 3.2.2.3.6 + 3.2.2.3.7 + \textbf{3.2.2.3.8} &= 3.2.2.3 \end{aligned}$$

(4) It-Tqassim tad-*Data D* fl-Anness 2 tal-linji gwida huwa emendat kif ġej:

(a) It-titlu għat-Tqassim tad-*Data D* huwa emendat kif ġej:

“D- Tqassim ta' *data għal tranżazzjonijiet ta' pagamenti bbażati fuq kards li għandhom jiġu rrapportati mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament **tał-akkwirent akkwirenti** (b'relazzjoni kuntrattwali mal-utent tas-servizzi ta' pagament)”*

(b) Żewġ oqsma ta' *data addizzjonali* 4.2.1.3.7 u 4.2.1.3.8 huma miżjud mat-Tqassim tad-*Data D* kif ġej:

<b>4.2.1.3.7</b>	Tranżazzjonijiet mibdija min-negozjanti (*)	X	X
<b>4.2.1.3.8</b>	Oħrajn	X	X

(\*) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna

(c) Qasam ta' *data addizzjonali* 4.2.2.3.7 huwa miżjud mat-Tqassim tad-*Data D* kif ġej:

<b>4.2.2.3.7</b>	Oħrajn	X	X
------------------	--------	---	---

(d) L-aħħar ringiela tar-regoli ta' validazzjoni skont it-Tqassim tad-*Data D* hija emendata kif ġej:

$$\begin{aligned} 4.2.1.3.4 + 4.2.1.3.5 + 4.2.1.3.6 + \textbf{4.2.1.3.7} + \textbf{4.2.1.3.8} &= 4.2.1.3; \\ 4.2.2.3.4 + 4.2.2.3.5 + 4.2.2.3.6 + \textbf{4.2.2.3.7} &= 4.2.2.3 \end{aligned}$$

(5) It-Tqassim tad-*Data* E fl-Anness 2 tal-Linji Gwida huwa emendat kif ġej:

(a) It-Tqassim tad-*Data* E huwa emendat kif ġej:

Oġġett	Tranżazzjonij iet ta' pagamenti	Tranżazzjoniji et ta' pagamenti froudenti
<b>5</b> <b>Ġbid ta' flus kontanti</b> <i>Li minnhom maqsumin skont il-funzjoni tal-kard</i>	X	X
5.1 <i>Li minnhom pagamenti ġbid ta' flus kontanti b'kards b'funzjoni ta' debitu</i>	X	X
5.2 <i>Li minnhom pagamenti ġbid ta' flus kontanti b'kards b'funzjoni ta' kreditu jew ta' debitu ttardjat</i> <i>li minnhom pagamenti bil-kard ġbid ta' flus kontanti froudenti minn tipi ta' frodi:</i>	X	X
5.23.1 <i>Ħruġ ta' ordni ta' pagament (ġbid ta' flus kontanti) mill-frodatur</i>		X
5.23.1.1 <i>Kard mitlufa jew misruqa</i>		X
5.23.1.2 <i>Kard mhux riċevuta</i>		X
5.23.1.3 <i>Kard iffalsifikata</i>		X
5.23.1.4 <i>Oħrajn</i>		X
5.23.2 <i>Manipulazzjoni ta' min iħallas biex jiġbed flus kontanti</i>		X

(b) Ir-regoli ta' validazzjoni skont it-Tqassim tad-*Data* E huma emendati kif ġej:

5.1 + 5.2 = 5
5.23.1 + 5.23.2 = 5
5.23.1.1 + 5.23.1.2 + 5.23.1.3 + 5.23.1.4 = 5.23.1

(6) It-Tqassim tad-*Data* F fl-Anness 2 tal-linji gwida huwa emendat kif ġej:

(a) Żewġ oqsma ta' *data addizzjonali* 6.1.2.10 u 6.1.2.11 huma miżjud mat-Tqassim tad-*Data* F kif ġej:

<b>6.1.2.10</b>	Tranżazzjonijiet mibdija min-negożjanti (*)	X	X
<b>6.1.2.11</b>	Oħrajn	X	X

(\*) Ara n-nota 4 f'qiegħ il-paġna

(b) Qasam ta' *data addizzjonali* 6.2.28 huwa miżjud mat-Tqassim tad-*Data* F kif ġej:

<b>6.2.2.8</b>	Oħrajn	X	X
----------------	--------	---	---

(c) L-aħħar ringiela tar-regoli ta' validazzjoni skont it-Tqassim tad-*Data F* hija emendata kif ġej:

$$\begin{aligned} 6.1.2.4 + 6.1.2.5 + 6.1.2.6 + 6.1.2.7 + 6.1.2.8 + 6.1.2.9 + \mathbf{6.1.2.10 + 6.1.2.11} &= 6.1.2; \\ 6.2.2.4 + 6.2.2.5 + 6.2.2.6 + 6.2.2.7 + \mathbf{6.2.2.8} &= 6.2.2 \end{aligned}$$